## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali
## Maġistrat: Dr. Victor G. Axiak

# L-AĠENZIJA GĦAS-SISTEMA TA' INFURZAR LOKALI V. KLAJTAN SKENDERI

KONTRAVVENZJONI NRU. 053-15293-5

26 ta' Jannar 2023

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant Klajtan Skenderi (ID. 203840A) akkużat quddiem il-Kummissarju għall-Ġustizzja talli:

- **fl-14/04/2021 fil-17:11hrs ġewwa Triq Kan G. Gatt Said, Ir-Rabat, kiser waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet li jirrigwardaw il-kwarantina kif imposti fuqu taħt l-awtorita' tas-Supritendent tas-Saħħa Pubblika (A.L. 72 tal-2020 - L.S. 465.12)**

Rat id-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Ġustizzja tat-22 ta' Settembru 2021 li permezz tagħha sabet lill-imputat appellant ħati tal-imputazzjoni u kkundannatu jħallas penali ta' tlett elef euro (€3,000).

Rat ir-rikors għal ritrattazzjoni ippreżentat mill-appellant fil-15 ta' Ottubru 2021 li bih talab lil din il-Qorti jogħġobha tordna r-ritrattazzjoni ta' dan il-każ ai termini tal-Artikolu 11A tal-Kap. 291 tal-Liġijiet ta' Malta għar-raġunijiet kif deskritti fir-rikors;

Rat li fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2022 il-Qorti ressqet *ex-officio* in-nullita' tal-proċedimenti meħudha kontra l-appellant għar-raġunijiet msemmija;

Semgħet lill-partijiet jittrattaw din l-eċċezzjoni fis-seduta tas-7 ta' April 2022.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-eċċezzjoni li ġiet mqajjma mill-Qorti diġa ġiet sollevata *ex officio* minnha f'sentenzi oħra riċenti fis-sens illi fil-fehma tal-Qorti il-proċeduri kontra l-appellant huma nulli

peress illi ma' jidhirx illi l-Aġenzija għas-Sistema tal-Infurzar Lokali (komuniment magħrufha bħala LESA) għandha poter li tipprovdi għall-infurzar tar-Regolamenti li taħthom ġie misjuba ħatja l-appellant.

Illi skond Art. 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 595.14 ("Ordni dwar it-Twaqqif tal-Aġenzija Għas-Sistema tal-Infurzar Lokali"):

> **'3. Għandha titwaqqaf Aġenzija, li tkun magħrufa bħala l-Aġenzija għas-Sistema ta' Infurzar Lokali, li għandha twettaq il-funzjonijiet u d-dmirijiet tal-amministrazzjoni pubblika fil-ħwejjeġ li ġejjin:**
>
> **(a) tipprovdi għall-infurzar ta' kwalunkwe liġi, regolament jew ordinament, liema infurzar ġie delegat lil kumitati reġjonali, kunsilli lokali jew lil dawk l-awtoritajiet lokali jew reġjonali oħra kif huma msemmija fl-Att dwar Gvern Lokali ...'**

Illi dak l-infurzar li ġie delegat lill-kunsilli lokali u kumitati reġjonali huwa regolat taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 363.41 ("Ordni dwar id-Delega ta' Infurzar mill-Kunsilli Lokali Kumitati Reġjonali") li jipprovdi *inter alia* kif ġej:

> **'2.(1) Skont l-artikolu 33(1)(n) tal-Att dwar Gvern Lokali (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att") l-infurzar ta' –**
>
> **(a) Bye-Laws magħmulin, jew li jistgħu minn żmien għal żmien isiru, minn kull Kunsill Lokali taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 34(1) tal-Att,**
>
> **(b) kontravvenzjonijiet dwar dawk ir-reati li jinsabu elenkati fl-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, li jidhru taħt l-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-ordni** (emfasi miżjuda mill-Qorti)**,**
>
> **ikunu funzjoni li qegħda b'dan tiġi delegata lil kull Kunsill Lokali għar-rigward ta' kontravvenzjonijiet li jsiru fil-lokalità relattiva jew lill-Kumitat Konġunt jew Kumitat Reġjonali għar-rigward ta'kontravvenzjonijiet li jsiru f'xi lokalità li taqa' taħt ir-responsabbilà tiegħu skont dan l-ordni.'**

Illi l-imputat appellant ġiet akkużat quddiem il-Kummissarju għall-Ġustizzja b'reat illi jaqa' taħt ir- Regolamenti dwar l-Infurzar ta' Ordnijiet li jirrigwardaw il-Kwarantina (L.S. 465.12), illum imħassra mill-liġijiet tagħna.

Illi issa għalkemm dawn ir-Regolamenti msemmija tabilħaqq jinsabu elenkati fl-Iskeda tal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja (Kap. 291) u allura jirraviżaw reat illi l-Kummissarji kellhom kompetenza li jisimgħu taħt il-Kap. 291, madanakollu m'humiex elenkati fl-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordni dwar id-Delega ta' Infurzar mill-Kunsilli Lokali u Kumitati Reġjonali. Li jfisser illi l-ebda kunsill lokali jew kumitat reġjonali (jew l-Aġenzija għas-Sistema ta' Infurzar Lokali) ma' kellhom setgħa illi jenforzaw ksur jew jressqu lil persuna b'akkuża taħt xi wieħed mir-Regolamenti tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 465.12 quddiem il-Kummissarju tal-Ġustizzja.

Illi huwa prinċipju assodat illi l-liġi *ubi voluit dixit* u la darba dan il-vires mhux espressament provdut fil-liġi li hi liġi speċjali, allura l-Aġenzija għas-Sistema ta' Infurzar Lokali ma' tistax taġixxi ta' Prosekutur għal dan ir-reat.

Illi fit-trattazzjoni, l-abbli avukat difensur tal-aġenzija appellata ressqet argument interessanti fis-sens illi taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 595.14 il-liġi ma' ssemmiex, fost il-funzjonijiet u dmirijiet mogħtija lill-Aġenzija, il-poter illi l-Aġenzija tressaq lill-persuni quddiem il-Kummissarji tal-Ġustizzja (tipprosekwixxi), u għalkemm issemmi l-poter illi tinfurza dawk il-liġijiet delegati lill-kunsilli lokali jew awtoritajiet lokali oħra, hemm distinzjoni bejn l-enforzar tal-liġijiet u l-prosekuzzjoni tal-persuni li jiksruhom. Għalhekk skond l-abbli avukat difensur tal-aġenzija, il-poter li l-Aġenzija tipprosekwixxi lil dawk li jikkommetu reat taħt ir-Regolamenti in kwistjoni ma' joħrogx mill-Leġislazzjoni Sussidjarja 595.14 (li kif ingħad, flimkien mal-L.S. 363.41, ma' jelenkax ir-reat in kwistjoni bħala reat skedat) iżda minflok joħroġ biss mill-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja (Kap. 291) fejn ir-reat ravviżat huwa reat skedat.

L-istess avukat difensur saħqet illi billi l-kelma '**awtorita**' taħt il-Kap. 291 hija definita bħala **'kull korp ġuridiku jew mhux ġuridiku, kif ukoll kull assoċjazzjoni ta' persuni',** allura bl-applikazzjoni tal-Art. 5(1) tal-istess Kap. 291 l-aġenzija kellha l-poter li tressaq quddiem il-Kummissarji tal-Ġustizzja persuni dwar reati skedati fl-istess Kap. 291, inkluż ir-reat f'din il-kawża.

Il-Qorti taqbel illi l-kelma 'awtorita' għandha tiġi interpretata b'mod illi tinkludi ukoll lill-Aġenzija appellata għalkemm ma' taqbilx mal-interpretazzjoni stretta offruta mill-abbli avukat difensur tal-Aġenzija appellata illi kwalunkwe entita jew korp għandha d-dritt ta' prosekuzzjoni (għalkemm qari *ad litteram* tad-disposizzjoni in kwistjoni tagħtih raġun) quddiem il-Kummissarji tal-Ġustizzja. Huwa ferm iktar probabbli li dak li l-leġislatur kellhu f'moħħu meta fl-Art. 5(1) tal-Kap. 291 isemmi lill-**"awtorita' oħra ... li jakkużaw persuni quddiem Kummissarju dwar xi reat imniżżel fl-Iskeda"** kien proprju illi dik l-awtorita' trid tkun qed taġixxi taħt il-poteri mogħtija lilha mill-liġi (f'dan il-każ mill-L.S. 595.14). Filfatt l-Art. 3(1) innifsu tal-Kap. 291 jikkwalifika lil dawk li jistgħu jipprosekwixxu quddiem il-Kummissarju (apparti l-Pulizija Eżekuttiva) bħala jew "il-kunsilli lokali taħt l-Att dwar Gvern Lokali, jew ... xi awtorità oħra **taħt xi Att ieħor** (enfasi miżjuda)".

Fi kwalunkwe każ, għalkemm id-definizzjoni ta' 'awtorita' tinkludi lill-aġenzija appellata, jibqa' l-fatt illi *lex specialis derogat legi generali* u l-liġi daqstant speċifika li tagħti l-poteri lill-Aġenzija taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 595.14 għandha tipprevali fuq il-liġi ġenerali li tirreferi *inter alia* għall-awtoritajiet kollha b'mod ġenerali.

Inoltre lanqas ma' taqbel il-Qorti illi l-poter li l-Aġenzija tipprosekwixxi lil dawk li jikkommetu reat taħt ir-Regolamenti in kwistjoni ma' joħrogx mill-Leġislazzjoni Sussidjarja 595.14 sempliċiment għaliex f'dik il-leġislazzjoni m'hemmx elenkat il-poter ta' prosekuzzjoni. Verament teżisti distinzjoni fina bejn l-infurzar tal-liġijiet mill-

awtoritajiet kompetenti tal-forzi tal-ordni li jinvestigaw il-ksur tal-liġijiet u l-prosekuzzjoni tal-persuni quddiem awtoritajiet ġudizzjarji. Madanakollu din id-distinzjoni fina tintilef fix-xejn meta si tratta ta' reati kontravvenzjonali jew reati skedati illi jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Kummissarji tal-Ġustizzja tant illi l-Art. 5(1) tal-Kap. 291 innifsu jgħaqqad flimkien kemm id-dmir tal-investigazzjoni (i.e fosthom il-ġbir ta' xhieda) u kif ukoll il-poter ta' prosekuzzjoni. Inoltre, jekk il-Qorti taċċetta l-argument illi fir-rigward tar-reati skedati taħt il-Kap. 291 li ma' jkunux skedati ukoll taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 363.41 (bħal fil-każ tar-Regolamenti kollha maħruġa taħt l-awtorita' tas-Supretendent tas-Saħħa Pubblika) l-Aġenzija appellata għandha d-dritt ta' prosekuzzjoni, meta imbagħad hija prekluża mill-infurzar tagħhom taħt il-L.S. 363.41 (proprju għaliex il-lista ta' reati skedati ma' tkunx ġiet aġġornata), il-Prosekuzzjoni f'dan il-każ xorta ikollha l-problema illi l-provi tagħha jkunu nġabru, u l-investigazzjonijiet jkunu twettqu, minn aġenzija illi ma' kelliex il-poter li tagħmel hekk.

Il-Qorti għalhekk tawspika illi jsiru l-emendi neċessarji sabiex l-lista ta' reati skedati taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 363.41 ("Ordni dwar id-Delega ta' Infurzar mill-Kunsilli Lokali Kumitati Reġjonali") tkun tirrifletti b'mod eżatt il-lista ta' reati skedati taħt il-Kap. 291. Inoltre sabiex tiġi evitata kwalsiasi ambigwita' l-poteri tal-Aġenzija taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 595.14 ("Ordni dwar it-Twaqqif tal-Aġenzija Għas-Sistema tal-Infurzar Lokali") għandhom jinkludu espressament d-dmir tal-prosekuzzjoni tar-reati skedati quddiem il-Kummissarji tal-Ġustizzja.

**Deċiżjoni**

**Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddikjara l-proċeduri kontra l-appellant irriti u nulli, tirrevoka d-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Ġustizzja u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u ħtija.**

V.G. Axiak — Maġistrat

Y. M. Pace — Dep. Reġistratur